QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF : ONOR. GINO CAMILLERI LL.D.**

**Seduta tat-22 ta' Gunju 2001**

**Citazzjoni numru 73/91 GC**

**Jeffrey Azzopardi**

**-vs-**

**Maria Tereza Attard pubblika merkantezza mart Nazzareno u l-istess Nazzareno Attard bhala Kap tal-Komunjoni tal-akkwisti**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur ippremetta:-

Illi l-konvenuta hija debitrici ta' l-attur fis-somma ta' ghaxart elef lira (Lm10,000) skond kambjali annessi ta' hamest elef lira (Lm5,000) li jgibu d-data tal-11 ta' Dicembru 1989 u jiskadu rispettivament u jsiru dovuti fit-30 ta' Mejju 1990 u fit-30 ta' Gunju 1990;

Illi l-konvenuta ghalkemm debitament intimata biex thallas dan id-debitu skond il-kambjali, naqset illi taghmel dan;

Illi l-konvenuta m'ghandhiex eccezzjonijiet x'taghti u ghalhekk huwa applikabbli ghal din il-kawza l-Artikolu 167 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe bil-procedura hekk imsejjha tal-giljottina;

Ghalhekk l-attur talab li l-konvenuta tghid ghala din il-Qorti m'ghandhiex:

1. tikkundannaha thallas lill-attur is-somma ta' Lm10,000 import ta' zewg kambjali skaduti kwantu ghal Lm5000 fit-30 ta' Mejju 1990 u ghar-rimanenti Lm5000 l-ohra fit-30 ta' Gunju 1990 u dana bid-

dispensa mis-smiegh tal-kawza stante illi ghal din il-kawza huwa applikabbli l-Artikolu 167 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni u bl-imghaxijiet legali min-notifika ta' l-iskadenza ta' l-istess kambjali;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn gie eccepit :-

1. Illi l-kambjali esebiti mac-citazzjoni, kuntrarjament ghal dak li hemm dikjarat fuqhom, cioe' "value in funds received" u li qed isostni l-attur fis-sens li huwa kien ghamel self lill-eccipjenti, ma gewx emmessi ghaliex l-attur kien silifhom jew avvanzalhom xi flus kif jista' jigi pruvat fit-trattazzjoni. Per konsegwenza s-somma indikata fuqhom mhix dovuta ghaliex dawn il-kambjalijiet gew emessi bla ebda kawza u huma "a lie unto themselves";

2. Illi inoltre kif ikun jista' jigi ppruvat ic-cirkostanzi li fihom kienu l-partijiet meta gew emessi dawn il-kambjalijiet juru li l-kunsens tal-eccipjenti meta gew emessi l-kambjalijiet kien gie karpit;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta' Mejju 2001;

Ikkonsidrat:

L-attur jippretendi li hu kreditur tal-konvenuti fis-somma ta' ghaxart elef liri maltin (Lm10,000) import ta zewg kambjali iffrimati u accettati mill-konvenuta u skaduti rispettivament fit-30 ta' Mejju 1990 u fit-30 ta' Gunju 1990. Jirrizulta li dawn il-kambjali huma, kull wahda, ghall-import ta' hamest elef liri maltin (Lm5,000);

Da parti taghhom il-konvenuti qed jeccepixxu li l-ammont in kwestjoni mhux dovut stante li l-kambjalijiet gew emessi bla kawza u jixhdu l-falz. Inoltre l-kunsens tal-eccipjenti meta gew emessi l-istess kambjalijiet kien gie karpit;

Dawn l-eccezzjonijiet servew bhala l-bazi ghal varji pretesjonijiet tal-konvenuti li gew dedotti kontra l-attur fi proceduri ohra separati quddiem il-qorti kompetenti. Jirrizulta li dawk il-proceduri l-ohra gew finalment decizi kontra l-konvenuti u ghalhekk l-istess pretensjonijiet gew respinti;

In vista ta' dan kollu u peress li t-talbiet attrici jirrizultaw sufficjentement ipprovati, l-istess talbiet attrici ghandhom jigu akkolti;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa t-talbiet attrici u tikkundanna l-konvenuti jhallsu lill-attur is-somma komplessiva ta' ghaxart elef liri maltin (Lm10,000) import ta' zewg kambjali ta' Lm5000 il-wahda, skaduti rispettivament fit-30 ta' Mejju 1990 u fit-30 ta' Gunju 1990 u dana bl-imghaxxijiet kollha legali mid-data tal-imsemmija skadenzi sad-data tal-effettiv pagament;

Spejjez kollha kontra l-konvenuti.